2025/1070

27.5.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/1070

## tas-26 ta' Mejju 2025

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1484 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Russja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Mejju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1484 ([1]).

(2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/1484, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi stabbiliti fiha jiġġeddu sat-28 ta' Mejju 2026.

(3) Il-Kunsill iqis li l-entrati għal żewġ persuni fiżiċi jenħtieġ li jiġu emendati.

(4) Għalhekk id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1484 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1484 hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 11*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-28 ta' Mejju 2026.

Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Għandha tiġġedded, jew tiġi emendata kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li ma jkunux intlaħqu l-objettivi tagħha.

L-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(7), fir-rigward tal-Artikolu 2(1) u (2), għandhom jiġu rieżaminati f'intervalli regolari u mill-inqas kull tnax-il xahar jew fuq talba urġenti ta' kwalunkwe Stat Membru, tar-Rappreżentant Għoli jew tal-Kummissjoni wara bidla fundamentali fiċ-ċirkostanzi.";

(2) l-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/1484 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Mejju 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. SIEKIERSKI

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1484 tas-27 ta' Mejju 2024 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Russja (ĠU L, 2024/1484, 27.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1484/oj).

*ANNESS*

Fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/1484, fit-taqsima “A. Persuni fiżiċi”, l-entrati numru 11 u 18 huma sostitwiti b’dan li ġej:

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| “11. | Kirill Sergeevich NIKIFOROV<br>(Кирилл Сергеевич НИКИФОРОВ) | Pożizzjoni: Imħallef tal-Qorti Reġjonali ta’ Vladimir Oblast<br>Eks Imħallef tal-Kovrov City Court ta’ Vladimir Oblast<br>Data tat-twelid: 14.3.1992<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Kirill Sergeevich Nikiforov kien Imħallef tal-Kovrov City Court ta’ Vladimir Oblast.<br>Mill-2022, huwa kien involut direttament fil-ħolqien u ż-żamma ta’ kundizzjonijiet ta’ tortura għal Alexei Navalny billi ċaħad ripetutament il-pretensjonijiet ta’ Alexei Navalny kontra l-kolonja penali IK-6 fir-rigward tat-trattament tiegħu, fejn kien qed jiskonta piena ta’ 12-il sena imposta b’riżultat ta’ prosekuzzjoni politikament motivata.<br>Għalhekk, Kirill Sergeevich Nikiforov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż it-tortura, u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u l-ksur sistematiku tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.<br>Huwa għadu attiv fis-sistema ġudizzjarja fir-Russja u f’Diċembru 2024 ġie promoss għall-kariga ta’ Mħallef tal-Qorti Reġjonali ta’ Vladimir Oblast. | 27.5.2024. |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 18. | Oksana Vasilyevna DEMYASHEVA<br><br>(Оксана Васильевна ДЕМЯШЕВА) | Pożizzjoni: Viċi President tal-Kalininsky District Court ta' San Pietruburgu<br><br>Eks Imħallef tal-Vasileostrovsky District Court ta' San Pietruburgu<br><br>Data tat-twelid: 10.3.1980<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: mara | Fl-eks pożizzjoni tagħha bħala Mħallef tal-Vasileostrovsky District Court ta' San Pietruburgu, Oksana Vasilyevna Demyasheva kkundanat lil Alexandra Skochilenko, artista, għal seba' snin ħabs fuq akkużi politikament motivati talli xerrdet hekk imsejħa 'aħbarijiet foloz' dwar l-armata Russa. Skochilenko ġiet arrestata talli ssostitwiet tikketti tal-prezzijiet ġewwa supermarket bi stickers kontra l-gwerra. Saret waħda mill-ewwel persuni akkużati taħt il-liġi kriminali li kienet għadha kif ġiet adottata li tipprojbixxi hekk imsejħa 'aħbarijiet foloz' dwar l-armata Russa, u l-proċess tagħha attira attenzjoni kbira mill-pubbliku minħabba l-pressjoni mingħajr preċedent li Skochilenko esperjenzat mill-amministrazzjoni tal-ħabs, l-Imħallef, u l-prosekuzzjoni.<br><br>Għaldaqstant, Oksana Vasilyevna Demyasheva hija responsabbli għal ksur serju ta' drittijiet tal-bniedem fir-Russja billi kisret il-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.<br><br>Hija għadha attiva fis-sistema ġudizzjarja fir-Russja u f'Ġunju 2024 inħatret għall-kariga ta' viċi president tal-Kalininsky District Court ta' San Pietruburgu. | 27.5.2024". |